# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 ta' Jannar, 2001**

**Numru 60**

**Citaz. Nru. 983/99GV**

**Doc. Nru. 1-01**

**Carmel Delia u martu Lora**

**vs**

**Joseph Ellul**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ppremettew illi fid-dsatax (19) ta' April, 1998 waqt li l-istanti Carmelo Delia kien isuq il-vettura Mercedes numru CAR 297 fuq il-pont tal-Mistra, limiti ta' San Pawl il-Bahar, din intlaqet minn wara mill-vettura Fiat Ducato numru KBB 191 u kagun tal-incident garrbet hsarat estensivi.

Premess illi l-incident gara minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut izda l-istanti ghadhom ma gewx imhallsa tad-danni.

Premess illi d-danni ammontanti ghal hamest elef, hames mija u sitt liri Maltin u erba' centezmi (Lm5,506.04).

L-atturi talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni kollha li, b'rizultat tal-istess sofrew l-istanti.

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' hamest elef, hames mija u sitt liri Maltin u erba' centezmi (Lm5506.04c) jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundannah ihallas lill-istanti l-ammont dikjarat u likwidat bhala dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi tlieta u ghoxrin liri Maltin (Lm23) ta' konsulti, dawk tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tal-hdax ta' Gunju, 1998 (11.06.98), dawk tal-ittra ufficjali ta' llum, disgha w ghoxrin ta' April, 1999 (29.04.99) ai termini tal-Kap. 104 u bl-imghax minn notifika ta' dina c-citazzjoni kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 56 fejn eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti jaqbel illi fid-dsatax (19) ta' April, 1998, il-vettura minnu misjuqa laqtet fuq wara l-vettura misjuqa mill-attur Carmel Delia;

2. Illi l-eccipjenti pero' mhuwiex f'posizzjoni li jghid jekk kienx b'rizultat ta' din id-daqqa illi l-vettura tal-atturi tilfet il-kontroll u baqghet diehla go hajt;

3. Illi l-eccipjenti jirriserva l-posizzjoni tieghu inoltre dwar il-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti wara li jingiebu l-provi necessarja mill-atturi.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri;

**PROVI**

**Skond ir-rapport tal-Pulizija** esibit a fol 66 u li gie konfermat fil-Qorti, jirrizulta li l-partijiet kienu qalu lis-surgent hekk:

Car no. CAR 297 was driving along Mistra bridge towards St. Paul's Bay when all of a sudden the vehicle behind him dashed onto his rear part, he lost control of the vehicle, brushed along the left of the wall and ended on the other side of the road.

Car no. KBB 191 was driving along Mistra Bay towards St Paul's Bay behind car No CAR 297 and when the latter slowed down the speed, driver of KBB191 dashed onto the rear part of CAR 297. On seeing the driver of car CAR 297 losing control, he kept going on his way.

Fil-Qorti l-attur ikkonferma d-dikjarazzjoni li ghamel mac-citazzjoni u kompla jghid li l-hsara kollha reklamata kienet minhabba l-incident.

**L-attrici** kkonfermat dak li qal zewgha u cioe li kienu qalghu daqqa fuq wara u r-ragel kien tilef il-kontroll tal-vettura u mar minn naha ghall-ohra tat-triq. Spiccaw go hajt u hi stordiet. Meta tawhom id-daqqa fuq wara telghu l-hajt fuq ix-xellug taghhom imbaghad spiccaw fuq il-lemin u dahlu fil-hajt. Il-karozza taghhom kienet f'kondizzjoni tajba hafna u kienu johorguha biss fil-weekend. Il-karozza ma kelliex hsarat qabel l-incident. Huma kienu ghaddejjin bi speed normali.

**Biagio Muscat** xehed li kien sewwa l-karozza Mercedes ta' l-attur. Hu ikkonferma d-dokumenti B u C u kien thallas minghand l-attur. Hu mexa skond is-survey li kien sar.

**Peter Bonnici** ikkonferma d-dokument a fol 41. Hu kien ghamel rapport wara li kien ra l-karozza xi erba' darbiet u ha ritratti tal-hsarat. Kien ftiehem mal-panel beater kemm ser jitilghu l-ispejjez u x'parts ser jinbidlu. Kien sejjahlu Biagio Muscat ghax ried surveyor qabel jibda x-xoghol. Il-hsara fuq wara kienet daqqa zghira kompatibbli ma' daqqa ma' vettura ohra u d-daqqa ta' quddiem kienet kompatibbli ma' daqqa ma' xi hajt jew cint.

**Joseph Ellul** xehed li kien niezel fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar isuq van Ducato tax-xoghol. Meta gie fl-ahhar tan-nizla kien hemm Mercedes quddiemu li naqqset l-ispeed pero' huwa ma lahaqx waqqaf u tah daqqa fuq wara. Il-karozza qabdet il-bankina fuq ix-xellug taghha, laqtet il-hajt u spiccat in-naha l-ohra tat-triq. Dak il-hin beza' u telaq minn fuq il-post. Kien laqat il-Mercedes fuq il-parti ta' wara tax-xellug.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Responsabilita'**

Illi jidher evidenti li t-tort ghall-incident kien unikament tal-konvenut li dahal fuq wara tal-Mercedes u gieghel lill-attur jitlef il-kontrol u jidhol gol hajt.

Kif qalet tajjeb l-Qorti fis-sentenza Dr.R.Zammit Pace noe vs T.Catania et Vol LXX1 p3 p 722 deciza fis-sitta u ghoxrin ta' Novembru, 1987 (26.11.1987): sewwieq li jkollu traffiku quddiemu mhux biss ghandu jzomm **"proper lookout"** imma wkoll **kontroll shih fuq il-vettura tieghu.** A parti minn **"speed",** kull xufier ghandu joqghod attent li **jzomm distanza ragjonevoli mit-traffiku ta' quddiemu** b'mod li f'kaz ta' **waqfien f'daqqa u imprevist....** tali xufier ikun fi grad li **jiffrena l-vettura tieghu tempestivament".** (Ara wkoll Highway Code Art. 49; App.Krim. Pul vs V.Sammit 4.6.60; Vol XL111 p 243).

**Likwidazzjoni tad-danni.**

Dwar danni l-attur ipprezenta d-dok A (fol 6) lista tal-quantum tad-danni u Dok B sa K ricevuti li jiggustifikaw id-dok A. Id-Dok L (fol 41-45) hu s-Survey Report li kien hejja Peter Bonnici.

Illi l-ammonti mitluba ma gewx kontestati.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**